KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 12 (SUĠĠERIMENTI)

It-tnax il laqgħa tas-suġġerimenti tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2013 fis-6.08pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar | Kunsillier (Daħlet 6.12pm) |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier (Daħal 6.35pm) |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| **SKUZAT** | Nicolai Gauci | Kunsillier (Imsiefer) |
| | Pierre Portelli | Kunsillier (Universita) |

*Is-Seduta li bdiet fis-26 ta' Settembru 2013 kompliet b'item 5 tal-Agenda:*

5. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*

## 5. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

Il-laqgħa bdiet fis-6.08

5.1 Is-Sindku spjega s-sitwazzjoni tal-gharghar fi Triq Rudolph, u ix-xogħlijiet li qed jgħamel il-Kunsill biex isolvi din il-problema.

Hu qal li il-perit biddel ix-xogħol, u sa għada, ha tkun *scarified* biss. Issa l-Kunsill irid iġib permess biex titkompla t-triq darba oħra l-ġimgħa d-dieħla.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għada jibgħat email li irridu estensjoni għal nhar it-Tnejn, biex jingħata t-tarmac. Il-Kunsill qabel ma dan.

5.2 Is-Sindku tkellem fuq is-sitwazzjoni tal-*one way system* fi Triq Borg Olivier, Amery u Triq il-Kbira.

Sindku qal li wasal il-permess ta' TM, u l-Kunsill għamel l-implimentazzjoni malajr minhabba li z-zmien ta' prova huwa ta' xahar biss. Kien hemm ħafna tgergir al bidu, imma issa indrat. Is-Sindku tkellem dwar il petizzjoni ta' Triq il-Katidral. Il-Kunsill tkellem is-suggeriment tal-petition.
Is-Sindku ppropona soluzzjoni oħra li triq San Pawl tigi bil-kontra u San Nikola bil-kontra ukoll għal ġo St Mary.

Il-Kunsill qabel li nibgħatu din il-proposta lill-TM ghall-approvazzjoni .

*P Radmilli dahal – 7.00pm*

5.3 Sindku qal li l-Kunsill rebaħ l-appelli tal-knis u tal-ġbir tal-iskart.

5.4 Sindku qal li l-inginjier għadu jrid jgħamel *update* tar-report fuq it-tender ghat-Tiżjin tal-Milied fit-toroq, u qal li intalbu certu kjarifiki, u meta jibgħat l-update niddeċiedu f'laqgha urgent tal-Kunsill il-gimgha id-diehla.

5.5 Il-Cleansing Services Deparment ċemplu li ser jabbandunaw il-kuntratt tal-gbir ta' bulky refuse. Il-Kunsill qabel li ħa noħorġu tender ġdid.

5.6 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk meta jibda l-kuntrattur ġdid tal-borża s-sewda, il-kuntrattur prezenti ser jgħati *hand over*? Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jiddubita. Il-Kunsillier P Radmilli fakkar li ċertu flats niġbrulhom minn ġewwa. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris u P Radmilli fakkru li jmissna nagħmlu posters fuq il-ħinijiet tal-iskart.

5.7 Il-Kunsilliera V. Galea Pace infurmat li l-bozzoz tal-Enemalta x-Xatt u fejn in-Next huma maqtugħin.

5.8 Il-Kunsill ġie infurmat li s-slielem tal-baħar tneħħew kmieni. Il-Kunsill ma qabilx li jitnehhew l-area kollha f'daqqa.

5.9 Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal Bollards quddiem Milner Grove fi Triq Għar id-Dud ma TM.

5.10 Il-Kunsilliera M. Aquilina infurmat li l-Kunsill se joħroġ l-anzjani x-xahar li ġej l-Akwarjum, il-Qawra.

5.11 Il-Kunsilliera L. Cassar issuġġeriet li għandha ssir *sleeping policeman* fin-nofs ta' Triq Sant Elena. Il-Kunsill qabel.

5.12 Il-Kunsillier M Briguglio qal li persuna kiteb lill-Kunsill biex jgħamel laqghat ghal-*tourist guides* fl-ufficju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel basta fil ħin tal-uffiċċju.

5.13 Il-Kunsill kellu talba minn kumpanija tal-*electric bicycles*. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni fil-prinċipju li dawn jistallaw *charging points*.

5.14 Kien hemm proposta dwar *Kumitat Education budget*? Is-Segretarju Eżekuttiv qal ħa nitkelmu fil-Kunsill li jmiss dwar materji finanzjarji.

5.15 Ġew proposti li isiru *bins* għal bajjiet. Is-Sindku qal li l-Kumitat għandu jiltaqa u nissetjaw tender.

5.16 *Ġew diskussi l-proposti tal-Kunsill dwar il-local plans*, jekk hux ha noħorġuhom fuq il-press? Il-Kunsill qabel li nibghatuhom *press release*.

Is-seduta għalqet fis-7.45pm u kien hemm qbil li laqgħa tal-Kunsill li jmiss tkun nhar il-Ħamis fil-31 t'Ottubru 2013 fis-6pm.

Minuti approvati llum 31 / October / 2013

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**